# Reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju Termini u Kundizzjonijiet

## DEFINIZZJONIJIET

Matul dawn it-termini u l-kundizzjonijiet tar-Reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju ("Termini u Kundizzjonijiet"), il-Politika tar-Reġistrazzjoni, il-Linji Gwida tar-Reġistrazzjoni, ir-Regoli ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim, il-Politika WHOIS u l-addenda rispettivi tagħhom, it-termini u espressjonijiet li ġejjin b'ittri kbar għandhom ikollhom it-tifsira mogħtija lilhom hawn isfel:

| | |
|---|---|
| *Proċedura RTA* | Għandha t-tifsira mogħtija lilha fir-Regoli ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim. |
| *Isem ta' Dominju* | Ifisser isem ta' dominju allokat taħt id-Dominju tal-Ogħla Livell .eu u l-varjanti tiegħu f'kitbiet oħra. |
| *Regoli ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim* | Ifisser ir-regoli għall-proċedura tar-Riżoluzzjoni ta' tilwim alternattiv (RTA) imsemmija fl-Artikolu 22 tar-Regoli tal-Politika Pubblika. |
| *Regolament tal-.eu* | Ifisser ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 733/2002 tat-22 ta' April 2002 dwar l-implimentazzjoni tal-Qasam tal-Ogħla Livell .eu, *ĠU L* 113, 30 ta' April 2002, paġni 1-5 u l-emendamenti sussegwenti. |
| *Kriterji tal-Eliġibbiltà Ġenerali* | Il-Kriterji tal-Eliġibbiltà mfassla fl-Art 4 (2)(b) tar-Regolament tal-.eu. |
| *Homoglyph(s)* | Jfisser wieħed ta' tnejn jew iktar karattri jew glyphs b'forom li huma identiċi jew li ma jistgħux jiġu differenzjati b'daqqa t'għajn. Ismijiet ta' dominji huma kkunsidrati homoglyphs ta' xulxin jekk il-karattri kollha ta' isem ta' dominju huma homoglyphs tal-karattri kollha tal-ismijiet ta' dominji l-oħra, fil-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom. |
| *Homoglyph Bundle* | Ifisser sett ta' ismijiet ta' dominji li huma kollha homoglyphs ta' xulxin. |
| *Operational Homoglyph Bundle* | Ifisser Homoglyph Bundle li minnu hemm tal-inqas isem ta' dominju wieħed irreġistrat, imbblukkat, riservat, mneħħi, fi kwarantina, meħud jew sospiż. |
| *Onsite Contact* | Jirreferi għal persuna naturali jew legali li mhux relatata mar-Reġistratur li jimmaniġġja l-affarijiet tekniċi relatati mal-isem ta' dominju u/jew is-servizzi marbutin mal-isem ta' dominju (pereżempju sit tal-internet, email, eċċ) għar-Reġistrant. |
| *Regoli tal-Politika Pubblika* | Ifisser ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2004 tat-28 ta' April 2004 li jippreskrivi r-regoli tal-politika pubblika li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-funzjonijiet tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu u l-prinċipji li jirregolaw ir-reġistrazzjoni, *ĠU L* 162, 30 ta' April 2004, paġni 40-50 u l-emendamenti sussegwenti. |
| *Reġistrant* | Ifisser il-persuna naturali jew legali li rreġistrat l-Isem ta' Dominju permezz ta' Reġistratur u li d-Data Personali tagħha tinsab fid-database tar-reġistrazzjoni u hija ppubblikata fil-WHOIS ibbażata fuq l-internet. |

| | |
|---|---|
| *Reġistratur* | Ifisser l-organizzazzjoni li hija akkreditata mir-Reġistru biex tipprovdi Servizzi ta' Reġistrazzjoni lir-Reġistranti. |
| *Linji Gwida tar-Reġistrazzjoni* | Ifisser il-linji gwida tekniċi disponibbli fuq is-Sit tal-Internet tar-Reġistru. |
| *Politika tar-Reġistrazzjoni* | Ifisser id-dokument disponibbli fuq is-Sit tal-Internet tar-Reġistru. |
| *Reġistru* | Ifisser il-EURid vzw (bin-numru ta' reġistrazzjoni 0864240408, li għandu l-uffiċċju ta' reġistrazzjoni tiegħu f'Woluwelaan 150 B-1831 Diegem, il-Belġju), il-maniġer tar-reġistru tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu u l-varjanti tiegħu f'kitbiet oħra, maħtur mill-Kummissjoni Ewropea. |
| *Regolamenti* | Ifisser ir-Regolament tal-.eu u r-Regoli tal-Politika Pubblika. |
| *Regoli* | Ifisser ir-regoli u r-regolamenti kollha applikabbli għall-.eu u l-varjanti tiegħu f'kitbiet oħra fit-Tieni u fl-Ogħla Livell, li jinkludi, mingħajr eċċezzjoni, ir-Regolament 733/2002, ir-Regolament 874/2004, ir-Regolament 1654/2005, l-emendamenti sussegwenti tagħhom, il-Politika tar-Reġistrazzjoni, dawn it-Termini u Kundizzjonijiet tal-.eu, il-Politika WHOIS, ir-Regoli RTA u r-Regoli Supplementali RTA, kif ippubblikati fuq is-Sit tal-Internet tal-EURid (www.eurid.eu), il-Qorti Ċeka tal-Arbitraġġ (www.adr.eu), u ċ-Ċentru tal-Arbitraġġ u l-Medjazzjoni tal-WIPO (www.wipo.int) fost oħrajn. |
| *Terminu* | Ifisser il-perijodu (li jista' jiġġedded) ta' reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju, ikkalkulat fi snin, li jibda fid-data tar-reġistrazzjoni u li jvarja minn sena (1) sa għaxar (10) snin. Ismijiet ta' Dominji reġistrati fid-29 ta' Frar jiġġeddu dejjem fit-28 ta' Frar. |
| *Sit tal-Internet tar-Reġistru* | Ifisser is-sit tal-internet disponibbli fuq http://www.eurid.eu. |
| *Il-Politika WHOIS* | Ifisser il-Politika WHOIS disponibbli fuq is-Sit tal-internet tar-Reġistru; |

Dawn it-Termini u Kundizzjonijiet, flimkien mal-Politika tar-Reġistrazzjoni, ir-Regoli ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim, u r-Regolamenti, jipprovdu d-drittijiet u l-obbligi tar-Reġistru, tar-Reġistratur u tar-Reġistrant għal kull reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju u t-tiġdid tal-istess, inkluż kull kwistjoni u l-kwistjonijiet kollha relatati mal-imsemmi Isem ta' Dominju.

## Taqsima 1. Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

Persuni naturali, kumpaniji jew organizzazzjonijiet li jilħqu l-Kriterji tal-Eliġibbiltà Ġenerali biss għandhom ikunu eliġibbli biex jirreġistraw Isem ta' Dominju.

## Taqsima 2. Prinċipju ta' Min Jiġi l-Ewwel, Jinqeda l-Ewwel; Disponibbiltà u Rekwiżiti Tekniċi; Ismijiet Projbiti u Riservati

1. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor fir-Regoli, ir-Reġistru għandu jirreġistra Ismijiet ta' Dominji fuq bażi ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel", u skont it-termini u l-kundizzjonijiet mfassla f'dawn.

F'dan ir-rispett, id-data u l-ħin tal-irċevuta mis-sistemi tar-Reġistru ta' reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju li hija kompleta u teknikament korretta, kif huwa mfassal fil-Linji Gwida tar-Reġistrazzjoni, għandu jkun l-uniku punt tar-referenza.

2. L-ismijiet is-segwenti biss jistgħu jkunu reġistrati bħala Isem ta' Dominju:
   (i) ismijiet disponibbli. Isem huwa disponibbli meta:
      a. ma jkunx diġà reġistrat bħala Isem ta' Dominju;
      b. ma jkunx riservat, projbit jew notifikat lir-Reġistru bħala wieħed li "ma jistax ikun reġistrat" skont ir-Regoli tal-Politika Pubblika, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor fl-istess;
      c. mhux parti minn Operational Homoglyph Bundle;
   (ii) ismijiet li jħarsu ir-rekweżiti tekniċi u lessikali li ġejjin:
      a. huma twal mill-inqas żewġ karattri qabel ma jiġu maqluba fil-forma ACE (mhux inkluż id-Dominju tal-Ogħla Livell fi kwalunkwe kitba possibbli disponibbli), u mhux iktar minn 63 karattri *wara* li jiġu maqluba fil-forma ACE (mhux inkluż id-Dominju tal-Ogħla Livell fi kwalunkwe kitba possibbli disponibbli) u wara li l-ittri kbar jiġu maqluba f'ittri żgħar;
      b. jużaw biss karattri magħżulin mill-elenku ta' karattri appoġġati fil-kitba tal-Latin, Grieg u Ċirilliku (kif huwa ppubblikat fuq is-sit tal-internet tar-Reġistru fir-rappreżentazzjoni tal-UNICODE);
      c. il-karattri magħżula jridu jaqblu mal-kitba tal-estensjoni tal-Ogħla livell ("tqabbil ta' kitba");
      d. fihom ittri minn kitba waħda biss fir-rappreżentazzjoni tal-UNICODE, inkluż in-numri "0" sa "9" u/jew sing ("-");
      e. ma jibdewx jew jispiċċaw b'sing ("-");
      f. ma fihomx sing ("-") fit-tielet jew fir-raba' pożizzjonijiet fl-istess ħin, ħlief jekk jibdew bil-karattri "xn";
      g. ma jikkonsistux esklussivament f'kodiċi alfa-2 ta' pajjiż,
      h. ma jistax ikun fihom karattri ħlief l-ittri tal-kitba Latina "A" sa' "Z" jew "a" sa' "z", iċ-ċifri "0" sa "9" jew is-sing ("-") jekk jibdew bil-karattri "xn--";

Il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq kollha għandhom jitħarsu.

## TAQSIMA 3. OBBLIGI TAR-REĠISTRANT

Matul it-Terminu, ir-Reġistrant għandu l-obbligi s-segwenti:

1. kif imsemmi fil-Politika tar-Reġistrazzjoni, li jżomm id-dettalji tal-kuntatt tiegħu preċiżi, kompleti u aġġornati, kemm (i) mar-Reġistratur ma' min ir-Reġistrant daħal fi Ftehim kif ukoll (ii) mar-Reġistru (permezz tar-Reġistratur). Barra minn hekk, ir-Reġistrant jirrappreżenta u jiggarantixxi li kull indirizz tal-email mgħoddi lir-Reġistru għandu jkun indirizz tal-e-mail li jiffunzjona;

2. biex juża l-Isem ta' Dominju b'mod li ma jiksirx id-drittijiet ta' terzi, ir-regolamenti jew il-liġijiet applikabbli, inklużi diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza, lingwa, sess, reliġjon jew opinjoni politika;

3. ma jużax l-Isem ta' Dominju (i) b'malafede jew (ii) għal skopijiet illegali.

## TAQSIMA 4. RAPPREŻENTAZZJONIJIET U GARANZIJI TAR-REĠISTRANT

Ir-Reġistrant jirrappreżenta u jiggarantixxi li:

1. jilħaq il-Kriterji tal-Eliġibbiltà Ġenerali, u għandu jinforma lir-Reġistru permezz tar-Reġistratur tiegħu, meta ma jibqax jilħaq dawk il-kundizzjonijiet;

2. l-informazzjoni kollha mogħtija lir-Reġistru waqt il-proċess tar-reġistrazzjoni tal-Isem ta' Dominju hija vera, kompleta u preċiża;

3. ir-reġistrazzjoni tal-Isem ta' Dominju issir f'bona fede, għal skop legali, u ma tiksirx id-drittijiet ta' ebda terz;

4. l-Isem ta' Dominju ma jmurx kontra l-politika jew il-moralità pubblika (pereżempju mhuwiex oxxen jew offensiv), u mhuwiex illegali;

5. matul it-Terminu għandu jħares dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet u kull Regola u r-Regoli kollha applikabbli.

## TAQSIMA 5. SPEJJEŻ U ĦLAS

1. Il-miżati applikabbli dovuti lir-Reġistru mir-Reġistraturi għar-reġistrazzjoni, tiġdid, estensjoni tat-terminu, trasferiment u riattivazzjoni ta' Ismijiet ta' Dominji jistgħu jkunu kkonsultati fuq is-Sit tal-Internet tar-Reġistru.

2. Ħlas ta' xi miżati li għandhom jitħallsu, li għalihom ir-Reġistrant huwa unikament responsabbli, għandu jsir lir-Reġistru permezz tar-Reġistratur. Ir-Reġistru mhux responsabbli għal xi nuqqas fuq in-naħa tar-Reġistratur f'dan ir-rispett, inkluż meta dan in-nuqqas jirriżulta f'nuqqas ta' reġistrazzjoni jew skanċellatura tal-Isem tad-Dominju ikkonċernat.

## TAQSIMA 6. TERMINU, TIĠDID U ESTENSJONI TAT-TERMINU TAR-REĠISTRAZZJONI TAL-ISEM TAD-DOMINJU

1. It-Terminu ta' kull reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju għandu jibda u jispiċċa fid-dati mfasslin hawn fuq fid-definizzjoni tat-Terminu.
   Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor hawnhekk, it-Terminu għandu jiġġedded taċitament għal perijodu addizzjonali ta' sena, soġġett għad-dispożizzjonijiet imfasslin fid-definizzjoni ta' Terminu.

2. Ir-Reġistrant għandu jkun intitolat li jittermina ir-Reġistrazzjoni tal-Isem tad-Dominju skont il-ftehim mar-Reġistratur tiegħu. Dik it-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ biss jekk ir-Reġistru jirċievi rikjesta ta' skanċellatura bi permezz tar-Reġistratur qabel tmiem it-Terminu. Jekk ma jirċievi l-ebda rikjesta simili, ir-Reġistru għandu jkun intitolat biex jitlob il-miżata għat-tiġdid applikabbli għat-tiġdid tat-Terminu skont il-proċedura msfassla fit-Taqsima 9 tal-Politika tar-Reġistrazzjoni.

3. Ir-Reġistru ma huwa taħt l-ebda obbligu li jinforma lir-Reġistrant minn qabel meta it-Terminu jkun wasal biex jiskadi.

4. Ir-Reġistru għandu s-setgħa li, b'mod immedjat, jissospendi jew iħassar l-Isem tad-Dominju meta r-Reġistrant jikser ir-Regoli.

## TAQSIMA 7. TRASFERIMENT TA' ISEM TA' DOMINJU

1. Soġġett għat-Taqsima 8 hawn taħt, ir-Reġistrant għandu d-dritt li jittrasferixxi l-Isem ta' Dominju lil Reġistrant ġdid u/jew lil Reġistratur akkreditat ieħor skont il-proċedura mfassla fit-Taqsima 10 tal-Politika tar-Reġistrazzjoni, b'kundizzjoni li l-kundizzjonijiet segwenti kollha jitħarsu:
   1) fejn l-Isem ta' Dominju jiġi trasferit lil Reġistrant ġdid, dan ir-Reġistrant il-ġdid jikkonferma li jissodisfa l-Kriterji tal-Eliġibbiltà Ġenerali; u
   2) ir-Reġistratur huwa fi kreditu għal pagamenti tal-miżati applikabbli.

Billi din il-proċedura tiġi segwita, ir-Reġistraturi u r-Reġistranti involuti jagħrfu u jiggarantixxu l-validità tat-trasferiment tal-Isem ta' Dominju.

2. Isem ta' Dominju li huwa bblukkat ma jistax jiġi trasferit ħlief permezz ta' deċiżjoni minn:
   a. panel f'Proċedura RTA; jew
   b. il-qrati ta' Stat Membru.

3. Waqt it-Terminu, Isem ta' Dominju jista' jkun trasferit fi kwalunkwe ħin lill-eredi legali tar-Reġistrant (wara l-mewt tar-Reġistrant) jew lix-xerrej tal-beni tar-Reġistrant (f'każ li r-Reġistrant ikun soġġett għall-proċeduri msemmija fir-Regoli tal-Politika Pubblika) wara s-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni approprjata u basta li l-eredi legali jew ix-xerrej jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà mfassla fit-Taqsima 1 ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet. Trasferiment ta' dan it-tip isir skont il-proċedura mfassla fit-Taqsima 10 tal-Politika tar-Reġistrazzjoni.

4. Jekk ir-Reġistratur ma jipprovdix lir-Reġistrant bil-kodiċi tal-awtorizzazzjoni uniku skont it-Taqsima 10 tal-Politika tar-Reġistrazzjoni, ir-Reġistrant jista' jirrikjedi il-kodiċi tal-awtorizzazzjoni direttament mir-Reġistru, b'kundizzjoni li r-Reġistratur juri li għamel minn kollox biex jottjeni il-kodiċi tal-awtorizzazzjoni mir-Reġistratur u li r-Reġistratur ma taħx. F'dan il-każ, wara r-riċeviment tar-rikjesta mir-Reġistrant u wara li l-informazzjoni riċevuta mir-Reġistrant tiġi eżaminata, ir-Reġistru jista' jiddeċiedi jekk jagħtix il-kodiċi tal-awtorizzazzjoni direttament lir-Reġistrant.

5. Fl-ebda każ ir-Reġistru ma jkun ikkunsidrat responsabbli għall-ipproċessar tat-trasferiment ta' Isem ta' Dominju. Ir-Reġistratur (kurrenti u/jew il-ġdid) u r-Reġistrant (kurrenti u/jew il-ġdid) jitqiesu responsabbli flimkien, kompletament, u huma biss biex jaċċertaw li kull rikjesta għal trasferiment ta' Isem ta' Dominju hija dokumentata kif suppost u skedata minn persuna awtorizzata.

6. Sabiex ma jkun hemm l-ebda dubbju, fil-każ ta' trasferiment skont it-Taqsima 10.3 tal-Politika tar-Reġistrazzjoni, it-Terminu tal-Isem ta' Dominju ma jinbidilx.

## TAQSIMA 8. ISMIJIET TA' DOMINJU SOSPIŻI, PROJBITI U REVOKATI; *REGISTRY LOCK*

1. Ir-Reġistru għandu jissospendi kull Isem ta' Dominju:

   (i) għal erbgħin (40) jum jekk u sa l-estent li r-Reġistru jkun irċieva rikjesta ta' skanċellatura mir-Reġistratur kif hemm ipprovdut fit-Taqsima 6.2 ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet. Il-perijodu ta' sospensjoni ta' 40 jum għandu jibda (a) mid-data msemmija fir-rikjesta ta' skanċellatura jew (b) mid-data li fiha saret ir-rikjesta ta' skanċellatura f'każ li d-data msemmija fir-rikjesta ta' skanċellatura kienet qabel dik id-data, jew l-ebda data ma kienet imsemmija fir-rikjesta ta' skanċellazzjoni.
   (ii) għal liema r-Reġistru jkun talab ir-Reġistrant biex jibdel ir-Reġistratur tiegħu skonr it-Taqsima 10.1 tal-Politika tar-Reġistrazzjoni.
   Fil-każijiet imsemmija hawn fuq, l-Isem ta' Dominju ma jistax ikompli jiġi użat. Ir-Reġistru għandu juri l-istat ta' sospensjoni ta' dawk l-Ismijiet ta' Dominji fil-WHOIS ibbażata fuq l-internet tiegħu.

2. Waqt il-perjodu ta' sospensjoni imsemmi fil-paragrafu 1(i) 'l fuq

   (i) ir-Reġistrant jista' jitlob għall-attivazzjoni mill-ġdid jew t-trasferiment tal-Isem tad-Dominju sospiż skont it-Taqsima 11 tal-Politika tar-Reġistrazzjoni. Ir-Reġistru għandu biss jattiva mill-ġdid Isem ta' Dominju sospiż, imsemmi fil-paragrafu 1(i), kif jirċievi rikjesta mir-Reġistratur maħtur mir-Reġistrant,

biex jattiva mill-ġdid l-Isem ta' Dominju u jekk ir-Reġistratur huwa fi kreditu għall-pagament tal-miżati għar-riattivazzjoni applikabbli.

(ii) l-eredi tar-Reġistrant (f'każ ta' mewt tar-Reġistrant) jew l-amministratur rilevanti (f'każ li r-Reġistrant ikun soġġett għall-proċedura imsemmija fl-Artikolu 19(2) tar-Regoli tal-Politika Pubblika) jistgħu jitolbu għar-reġistrazzjoni tal-Isem ta' Dominju sospiż f'isem l-eredi tar-Reġistrant jew ix-xerrej tal-beni tar-Reġistrant, skont il-proċedura mfassla fil-Politika tar-Reġistrazzjoni.

Jekk, waqt il-perjodu ta' sospensjoni msemmi fil-paragrafu 1(i) hawn fuq, l-Isem ta' Dominju ma jkunx attivat mill-ġdid jew reġistrat mill-eredi tar-Reġistrant (f'każ ta' mewt tar-Reġistrant) jew l-amministratur rilevanti (f'każ li r-Reġistrant ikun soġġett għall-proċedura imsemmija fl-Artikolu 19(2) tar-Regoli tal-Politika Pubblika), ir-Reġistru għandu jagħmel l-Isem ta' Dominju disponibbli awtomatikament għar-reġistrazzjoni ġenerali immedjatament wara l-40 jum ta' sospensjoni.

3. Ir-Reġistru għandu jibblokka kull Isem ta' Dominju:

   a. li jkun ikkunsidrat minn qorti ta' Stat Membru bħala offiża lil xi ħadd, razzist jew kontra l-politika pubblika man-notifika tad-deċiżjoni tal-qorti kif imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regoli tal-Politika Pubblika. Man-notifika ta' ordni ta' qorti finali, l-Isem ta' Dominju għandu jkun revokat u projbit minn reġistrazzjoni fil-futur sakemm l-ordni tal-qorti rilevanti tibqa' valida;
   b. meta r-Reġistru jkun infurmat li Proċedura RTA jew proċeduri legali huma pendenti, sakemm dawk il-proċeduri jiġu fit-tmiem u d-deċiżjoni rilevanti tkun notifikata lir-Reġistru; f'dan il-każ, (a) l-Isem ta' Dominju ma jistax ikun trasferit lil Reġistrant ġdid u/jew lil Reġistratur akkreditat ieħor, u (b) ir-Reġistrant ma jistax jibdel id-dettalji tal-kuntatt tiegħu fil-każ tal-Isem ta' Dominju bblukkat tiegħu;
   c. meta jkun bagħat in-notifika lir-Reġistrant u/jew lir-Reġistratur skont it-Taqsima 12.2 tal-Politika tar-Reġistrazzjoni.

4. Ir-Reġistru għandu jirrevoka kwalunkwe Isem ta' Dominju wara deċiżjoni dwar dan ta' panel f'Proċedura RTA jew fuq ordni tal-qorti.

5. Ir-Reġistru jista' jirrevoka r-reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju fuq l-inizjattiva tiegħu stess u mingħajr ma jissottometti t-tilwima għal xi proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' tilwim mhux ġudizzjarji, esklussivament għar-raġunijiet li ġejjin:
   (i) djun mhux imħallsa dovuti lir-Reġistru;
   (ii) nuqqas tal-ħarsien tal-Kriterji tal-Eliġibbiltà Ġenerali tar-Reġistrant; jew
   (iii) ksur tar-Regoli mir-Reġistrant

   soġġett għall-ħarsien tal-proċedura mfassla fit-Taqsima 12 tal-Politika tar-Reġistrazzjoni.

6. Fi kwalunkwe ħin, ir-Reġistratur jista' jistaqsi lir-Reġistru biex jattiva s-servizz tar-*Reġistry Lock* għal Isem ta' Dominju. Is-servizz tar-*Registry Lock* ifisser is-servizz ipprovdut mir-Reġistru biex jipproteġi l-Isem ta' Dominju kontra tibdiliet bi żball, trasferimenti jew tħassir billi jiġi bblukkat l-Isem ta' Dominju. Fil-perijodu fejn is-servizz tar-*Registry Lock* huwa attiv għal Isem ta' Dominju speċifiku, dak l-Isem ta' Dominju ma jistax jiġi kanċellat, aġġornat jew trasferit lil Reġistrant ġdid jew lil Reġistratur ieħor.

## TAQSIMA 9. DRITTIJIET MOGĦTIJA

1. Mar-reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju, ir-Reġistrant jakkwista dritt limitat, trasferibbli, li jiġġedded u esklussiv biex juża l-Isem ta' Dominju għat-Terminu,

sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor fir-Regoli. L-ebda dritt ieħor ma jista' jintalab mir-Reġistrant ħlief għal dawk inklużi f'dan.

2. Ir-Reġistrant ma għandux ikun intitolat li jeżerċità kwalunkwe dritt ta' rtirar wara r-reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju.

## TAQSIMA 10. KOMUNIKAZZJONI BEJN IR-REĠISTRU U R-REĠISTRANT

1. Kull komunikazzjoni uffiċċjali bejn ir-Reġistru u r-Reġistrant għandu jseħħ permezz tal-e-mail:
   (i) jekk diretta lejn ir-Reġistru: info@eurid.eu;
   (ii) jekk diretta lejn ir-Reġistrant: l-indirizz tal-email tal-kuntatt mgħoddi lir-Reġistru permezz tar-Reġistratur u kif ippubblikat fil-WHOIS ibbażata fuq l-internet.

2. Kull komunikazzjoni bejn ir-Reġistru u r-Reġistrant għandha tkun f'waħda mil-lingwi uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

## TAQSIMA 11. PRIVATEZZA U PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Billi jirreġistra Isem ta' Dominju u jaċċetta t-Termini u Kundizzjonijiet, ir-Reġistrant u, jekk applikabbli, l-*Onsite Contact*, jawtorrizza lir-Reġistru biex jipproċessa *data* personali u *data* oħra biex jopera s-sistema tal-Isem ta' Dominju skont il-Politika tal-Privatezza u l-Politika WHOIS, disponibbli fuq is-Sit tal-Internet tar-Reġistru.

Biex żgur l-informazzjoni tar-reġistrazzjoni tkun preċiża kif huwa meħtieġ mir-Regolament(i) u għal skopijiet amministrattivi oħra, ir-Reġistru jista' juża *data processors* u *sub-data processors* biex jipproċessa l-informazzjoni personali tar-Reġistrant preżenti fid-*database* tar-reġistrazzjoni tar-Reġistru, dejjem għal u kif mitlub mir-Reġistru.

## TAQSIMA 12. LIMITAZZJONI TA' RESPONSABBILITÀ

1. Ir-Reġistru ma għandux ikun responsabbli għal kwalunkwe telf, inkluż telf dirett jew indirett, telf konsegwenzjali u telf ta' profitti, jekk huwiex kontrattwali, ibbażat fuq tort (inkluż negliġenza) jew telf li jirriżulta b'mod ieħor, b'riżultat minn jew marbut mar-reġistrazzjoni jew użu ta' Isem ta' Dominju jew bl-użu tas-softwer jew Sit tal-Internet tar-Reġistru, anke jekk kien avżat bil-possibilità ta' dan it-telf, inkluż iżda mhux limitat għal:
   (i) reġistrazzjoni jew tiġdid ta' (jew mankanza biex jirreġistra jew iġġedded) Isem ta' Dominju favur Reġistrant jew terz minħabba xi żball rigward l-identità tagħhom;
   (ii) terminazzjoni tal-awtorità tar-Reġistru biex jirreġistra ismijiet ta' dominji taħt id-Dominju tal-Ogħla Livell;
   (iii) drittijiet ta' terzi li jista' jkollhom pretensjoni b'rigward Isem ta' Dominju,
   (iv) problemi u ħsarat tekniċi;
   (v) atti jew ommissjonijiet ta' Reġistratur rigward ir-reġistrazzjoni jew tiġdid ta' Isem ta' Dominju li jista' jirriżulta fi skanċellatura tal-imsemmi Isem ta' Dominju ħlief f'każijiet fejn hemm prova ta' mġiba ħażina volontarja tar-Reġistru.

   F'kull każ, ir-responsabbiltà tar-Reġistru għal danni għandu jkun limitat għall-ammont tal-miżati tar-reġistrazzjoni li japplikaw fiż-żmien li t-tilwima titqajjem mar-Reġistru. Ir-Reġistrant jaqbel illi l-ebda danni ikbar jew oħra ma jistgħu jintalbu mir-Reġistru.

2. Ir-Reġistrant għandu jkun responsabbli għall-ispejjeż kollha jew danni li daħal fihom ir-Reġistru għal kull ksur mir-Reġistrant ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet. Barra minn hekk, ir-Reġistrant għandu jżomm lir-Reġistru bla ħtija minn talbiet jew tilwim mibdija minn terzi, u għandu jikkumpensa lir-Reġistru ta' kull spiża jew danni li jista' jsofri bħala riżultat ta' terzi li jieħdu azzjoni kontrih fuq bażi li r-reġistrazzjoni jew l-użu tal-Isem ta' Dominju mir-Reġistrant jikser id-drittijiet tal-imsemmija terzi.

3. F'każ li xi awtorità tal-infurzar tal-liġi titlob lill-EURid li tieħu azzjoni kontra xi Isem ta' Dominju (inkluż iżda mhux limitat għal indirizzar mill-ġdid jew invalidar ta' Isem ta' Dominju), il-EURid trid tikkonforma ma' tali rikjesta. EURid ma tistax tinżamm responsabbli għal ebda danni u/jew telf soffrut mir-Reġistrant jew minn kwalunkwe terzi bħala riżultat ta' tali konformità.

4. Għall-iskopijiet ta' din it-Taqsima, it-terminu "Reġistru" għandu jirreferi wkoll għall-membri tiegħu, is-sottokuntratturi tiegħu u d-diretturi u l-impjegati rispettivi tagħhom.

## Taqsima 13. Emendi

1. Dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet u l-Politika tar-Reġistrazzjoni huma soġġetti għal tibdiliet kif deskritt d'din it-Taqsima.

2. Jekk ir-Reġistru jiddeċiedi li jibdel dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet u/jew il-Politika tar-Reġistrazzjoni, għandu jagħmel l-kundizzjonijiet l-ġodda disponibbli għall-pubbliku billi jitpoġġew fuq is-Sit tal-Internet tar-Reġistru mill-inqas tletin (30) jum qabel il-kundizzjonijiet huma infurzati (u malli jidħlu fis-seħħ fid-data mħabbra, l-imsemmija termini ġodda għandhom isiru it-Termini u l-Kundizzjonijiet u/jew il-Politika tar-Reġistrazzjoni). Kull reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju għandha tiġi ttrattata skont ir-Regoli fis-seħħ fid-data li r-reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju tkun kompleta. Reġistrazzjonijiet ta' Ismijiet ta' Dominji li laħqu saru qabel l-infurzar ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet jiġu mmaniġġjati skont il-proċeduri disponibbli fuq is-Sit tal-Internet tar-Reġistru.

3. Bħala eċċezzjoni għad-dispożizzjoni mfassla fit-Taqsima 13.2, ir-Reġistru jista' ma japplikax il-perjodu minimu ta' tletin (30) jum imsemmi hawn fuq. Dawn il-modifiki għandhom jidħlu fis-seħħ fil-ħin li jitħabbru fuq is-Sit tal-internet tar-Reġistru. Ir-Reġistru jista' jagħżel li juża din il-proċedura speċifika sakemm il-modifiki rilevanti jidhru ġustifikati fi ħdan il-kuntest nazzjonali jew internazzjonali tekniku rilevanti u sakemm dawn huma maħsuba biex iwaqqfu reġistrazzjonijiet ta' Ismijiet ta' Dominji ta' natura spekulattiva jew abbużiva.

4. Ir-Reġistru ma għandu fl-ebda waqt ikollu l-obbligu li jinforma personalment lir-Reġistranti li dawn it-Termini u Kundizzjonijiet u/jew il-Politika tar-Reġistrazzjoni se jkunu jew kienu modifikati.

## Taqsima 14. Liġi u Ġurisdizzjoni Applikabbli

Dawn it-Termini u Kundizzjonijiet u kull relazzjoni bejn ir-Reġistru u r-Reġistrant taħt dan id-dokument huma soġġetti għal-liġi Belġjana. Fil-każ ta' tilwim, nuqqas ta' ftehim jew kawża bejn ir-Reġistru u r-Reġistrant, il-qrati fi Brussell (fil-Belġju) għandhom ikollhom ġurisdizzjoni esklussiva ħlief għall-każijiet imsemmija fit-Taqsima 15.

## TAQSIMA 15. RIŻOLUZZJONI TA' TILWIM ALTERNATTIV ("RTA")

1. Ir-Reġistrant jaċċetta li l-Proċeduri RTA għandhom jitwettqu permezz ta' wieħed mill-fornituri elenkati fis-Sit tal-Internet tar-Reġistru.

2. Ir-Reġistrant għandu jipparteċipa fi Proċeduri RTA jekk terz ("Kwerelant"), waqt li jħares ir-Regoli tar-Riżoluzzjoni ta' Tilwim, jagħmel dikjarazzjoni lil min Jipprovdi servizz ta' RTA u jibda kwerela kontra r-Reġistrant fuq il-bażi ta' reġistrazzjoni spekulattiva jew abbużiva, kif hemm imsemmi fl-Artikoli 21 u 22(1)(a) tar-Regoli tal-Politika Pubblika.
   Barra minn hekk, ir-Reġistrant jew it-terz għandhom ikunu intitolati li jibdew Proċedura RTA skont il-proċeduri mfassla fir-Regoli jekk huwa tal-opinjoni li deċiżjoni li ttieħdet mir-Reġistru tmur kontra r-Regolamenti.

3. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-partijiet ta' Proċedura RTA jew speċifikat mod ieħor fil-ftehim bejn ir-Reġistrant u r-Reġistratur tiegħu, il-lingwa tal-Proċedura RTA għandha tkun il-lingwa ta' dak il-ftehim. Kull Proċedura RTA mibdija kontra r-Reġistru għandu jitwettaq fil-lingwa Ingliża.

4. Kull tilwim kopert b'din it-Taqsima għandu jkun irregolat mir-Regoli ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim applikabbli mas-sottomissjoni tal-kwerela u mir-regoli tal-proċedura ta' min Jipprovdi servizz RTA magħżul, kif hemm ippubblikat fuq is-Sit tal-Internet tar-Reġistru.

5. Ir-rimedji disponibbli għall-Kwerelant taħt proċeduri quddiem arbitru (jew panel ta' arbitri) maħtura minn min Jipprovdi servizz ta' RTA huma strettament limitati għal revoka jew trasferiment tal-Isem ta' Dominju, f'każ li l-proċedura RTA tinbeda fuq il-bażi tal-Artikolu 22(1)(a) tar-Regoli tal-Politika Pubblika.